MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1755/2004

**Mifsud Joseph u Catherine**

**Vs**

**MiddleSea Insurance plc**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru 2004 fejn il-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni sofferti f'*speedboat.*

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub mill-atturi jirraprezenta d-danni minnhom soferti bhala rizultat tal-fatt illi d-dghajsa taghhom u cioe` *speedboat* li ggib in-numru ta' registrazzjoni S.4000, giet misruqa u anke nghatat in-nar, fl-10 ta' Settembru 2003, liema dghajsa hija koperta minn polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta, oltre l-fatt illi

sussegwentement gie misruq ukoll il-mutur ta' l-istess dghajsa, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarji tal-24 ta' Dicembru 2003 u tat-8 ta' Gunju 2004, kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Is-socjeta` konvenuta tichad it-talba ta' l-atturi peress illi kif jidher car mill-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, l-incidenti allegati mhumiex koperti mill-istess kuntratt ta' assikurazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u t-trattazzjoni tal-konsulenti legali u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-materja ta' din il-kawza tikkoncerna nuqqas tas-socjeta` konvenuta li allegatament naqset li tonora obbligazzjonijiet ta' assigurazzjoni minnha assunti in segwitu ta' polza ta' assigurazzjoni mixtrija mill-atturi minghand is-socjeta` assiguratrici. Li huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrali illi jezistu zewg principji bazilari f'kuntratt ta' assigurazzjoni, kuntratt li huwa alegatorju u fl-istess hin sinallegmatiku. L-ewwel illi l-partijiet ghandhom jikkontrattaw taht tal-kappa tal-uberrina fidei u fit-tieni lok hemm l-applikazzjoni f'kaz illi tissucedi xi eventwalita` a riskju taghha li gie suppost kopert anzi assugrat fl-istess polza assigurattiva.

Propjament il-kaz in ezami huwa cirkoskritt minn dan it-tieni principju bazilari assigurattiv. Hekk gie ritenut minn dan it-Tribunal kif odjernament presedut u kif konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet "Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance plc" u mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (TM) fil-kaz "Paul Farrugia vs Middlesea Insurance plc". Ricentement anki l-Onorabbli Qorti tal-Appell ta' Ghawdex ghalkemm mhux kaz simili pero` gie

nvokat l-applikazzjoni ta' dan il-principju pocta sunt serrando fil-kaz fl-ismijiet "Francis Zammit vs Xewkija Tigers Football Club et" u gie ritenut obiter tramite l-applikazzjoni taghha, tpoggi l-partijiet fuq sieq indaqs ghalkemm mhux necessarjament ta' l-istess potenzjalita.

Il-polza ta' assigurazzjoni bejn il-partijiet gie esebita a Fol 14 et seq ta' l-istess process. Kif xehedet il-*Claims Officer* ta' l-istess socjeta` konvenuta Judith Galea, dina rriteniet illi apparti l-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias kif rizultanti anka mill-istess polza. Irrizulta illi fir-*Renewal Schedule* a Fol 29 tal-process jezistu zewg kondizzjonijiet, wahda minnhom intiza anka fuq il-*proposal form* a Fol 26 tal-process ossia illi l-istess dghajsa matul il-lejl kellha tigi garaxxjata. Mhux hekk biss izda ma kellhiex tithalla fuq il-moll u *unattended* u / jew fuq l-irmigg matul il-lejl, imma riedet dejjem tidhol gewwa garaxx. Kif ukoll illi ma jkun hemm responsabbilta` ghal hlas ghal serq jew telf ta' l-istess dghajsa jekk dina ma tkunx imsakkra b'katina u katnazz.

Jirrizulta illi fil-lejl ta' l-14 ta' Settembru 2003, id-dghajsa tal-atturi giet mehuda mill-irmigg taghha matul il-lejl f'Wied il-Ghajn u spiccat mahruqa. Sussegwentement wara xi jiem insteraq ukoll l-istess mutur. Illi huwa lampanti illi tramite x-xhieda ta' l-atturi u anka korrispondenza skambjata u esibita f'dawn il-proceduri li kien hemm nuqqas ta' nterpretazzjoni da parti tal-atturi tal-kondizzjonijiet lilhom imposti mis-socjeta` konvenuta sabiex hargitilhom polza ta' assigurazzjoni. X'kien l-intendiment jew x'kellhom f'mohhom l-atturi meta riedu jinxurjaw kif u come d-dghajsa taghhom huwa naturali illi l-polza ta' assigurazzjoni tigi nvokata una volta li jissuccedi xi riskju illi ghalih suppost il-polza ta' assigurazzjoni kellha tkopri.

Fl-ewwel incident, waqt li d-dghajsa kienet bil-muturi fuqha marbuta matul il-lejl giet attwalment misruq. Il-fatt li gie sostnut mis-socjeta` konvenuta juri li bil-lejl id-dghajsa bil-muturi taghha ma kellhiex tkun f'dak il-post izda fil-garaxx. Kien gie assigurat mill-istess atturi illi matul il-lejl id-dghajsa ma kellhiex tkun hemm f'dak il-post imma

ggaraxxjata. Dana il-principju elementarju kien gie limitat mill-famuza *buoy clause* fis-sens illi setghet tkun irmiggata fuq baga. Pero` f'tali kaz, f'kaz ta' serq il-muturi ma jkunux koperti bl-assigurazzjoni. Huwa precizament f'dan il-kuntest illi l-atturi ma humiex jaqblu mas-socjeta` konvenuta ghax qed jghidu li setghu jhalluwha barra pero` fl-istess hin ma jkunux koperti. Pero` ghandu jigi ribadit u spjegat f'dan is-sens illi l-principju bazilari principali huwa illi d-dghajsa u l-muturi ma setghux jithallew barra matul il-lejl. Kien hemm eccezzjoni ghaliha billi tithalla barra fuq irmigg ovvjament matul il-gurnata ossia meta tintuza. Ghax meta ma tintuzax bil-lejl, tintefa' go garaxx u f'dak il-mument il-muturi ma jkunux koperti.

Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ta' Ghawdex, liema rriteniet illi l-principju sekondarju u accessorju ma ghandux ikollu prelevanza fuq il-principju principali. Li gara lill-atturi illi fl-ewwel istanza matul il-lejl insterqed u tqabdet, ingarret fuq spjagga u sussegwentement waqt li qed jistennew il-proceduri jinsterqu l-muturi. Huwa lampanti illi fiz-zewg okkazzjonijiet in-nuqqasijiet ta' l-atturi li jiehdu hsieb u / jew b'mod generali biex jimminimizzaw l-hsara b'mod lilhom kagunata u finalment tal volta kellhom jigu kompensati mis-socjeta` konvenuta kienu wiehed ovvju. Fl-ewwel lok qatt ma kellhom ihallu d-dghajsa marbuta bil-lejl wahedha fuq barra bil-muturi. Dana kien projbit mill-polza. Fit-tieni lok ma kellhomx ihallu d-dghajsa dak iz-zmien kollu wahedha, jistennew jew il-konkluzjoni tal-process verbali u / jew l-investigazzjonijiet tas-socjeta` assiguratrici billi jhallu dghajsa f'dak l-istat fuq spjagga ghall dawk il-jiem kollha.

Jista' jigi ribadit illi l-atturi una volta li hasbu li kellhom assigurazzjoni fuq il-polza taghhom, una volta li saret hsara u gew infurmati allura setghu jhallu d-dghajsa taghhom fejn kienet minghajr ma jiehdu kura taghha. Dan l-agir mhux konsolanti b'obbligazzjonijiet anki bazilari ta' prudenza u kif gia ritenut minn dan it-Tribunal kif presedut il-kuntratt alegatorju assiguratur huwa ntiz illi tigi salvagwardjata l-propjeta` u mhux biex isir lukru mill-istess propjeta`.

Dan mhux kuntratt ta’ profit ghal min jassigura u ghalhekk hemm l-obbligu li tiehu hsieb l-oggett in assigurazzjoni. Issegwu l-obbligazzjonijiet assunti fl-istess kuntratt tramite l-polza ta’ assigurazzjoni.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici bl-istess kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------